MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 687/2005

**Gordon Micallef**

**vs**

**Michael Stivala**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta’ Marzu 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ seba’ mitt Liri Maltin (Lm700.00), bilanc ta’ somma akbar, rapprezentanti l-prezz ta’ mutur mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut u sa’ llum mhux imhallas, flimkien ma’ l-imghax mit-22 t’Awissu 2004 u bl-ispejjez, kollox kontra l-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tal-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ seba’ mitt Liri Maltin (Lm700.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------